IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 48-2018(27_03_18) – Laqgħa b'urġenza**

**27 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku għadha indisposta.

**48.2 Applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar PA/02406/18 – Upgrade of existing Bovine Farm D327 covered by PA/4584/06 according to policy 2,3A of the rural policy and**

**design guidance with the capacity to process affluent from other farms**

48.2.1 Is-Sur Paul Curmi beda biex qal li l-Kunsill huwa ffaċċjat b'sitwazzjoni li għalkemm il-*farms* huma obbligati li kull *farm* jipproċessa d-demel li jiġi prodott, dawn l-istess *farms* ma humiex jimxu skont il-permess u qed jitħallew jimxu hekk. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill kellu jiġi kkonsultat. Kulħadd qabel li din is-sitwazzjoni hija gravi. Huwa staqsa għalfejn dan il-proġett tħalla f'idejn il-privat. Huwa jemmen li b'dan il-proġett, Il-Munxar ser ibati. Fiċ-ċirkustanzi ma jaqbilx li dan isir fil-Munxar.

Is-Sur Damien Spiteri jaqbel ma' li qal is-Sur Paul Curmi u hawn *consensus* li qed jiġri li l-Kunsill qed isir il-ħaruf tas-sagrifiċċju. L-applikazzjoni taqra li qed tindika li jiġi pproċessat demel kwalunkwe u ma jeskludix li jiġi ttrattat demel minn Malta wkoll. Hemm assigurazzjoni li ma hijiex ser tgħaddi xi liġi li demel jiġi pproċessat minn dan il-post? Skont statistika tan-National Statistics Office (NSO), f'Għawdex hawn ammont kunsiderevoli ta' annimali u trid timmaġina jekk id-demel ta' dawn jiġi pproċessat fil-Munxar. Dan il-proġett ser jikkawża ntiena, traffiku, danni estetiċi lill-Munxar u *eyesore* f'dan ir-raħal. Dan il-proġett ser jikkawża anke ħmieġ fit-toroq u jista' jkollna problemi ta' saħħa.

Is-Sinjorina Sonja Abela talbet li l-Kunsill għandu joġġezzjona mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien 'from day one' kontra dan il-proġett. Ma ltaqax mal-imprenditur u dejjem qal 'le'. Qed jiddikjara li huwa kontra dan il-proġett u l-Kunsill għandu joġġezzjona kontra dan il-proġett.

Is-Sur Paul Curmi semma li d-demel se jiġi minn *farms* oħra. Mill-ftit informazzjoni li l-Kunsill għandu, il-bawżers ser jibdew jistennew fil-*queue* jew kull nofs siegħa jgħaddi bawżer. Il-Kunsill irid jieħu l-finanzi u r-riżorsi umani li huma possibbli sabiex dan il-proġett ma jsirx għax ser iħalli effett għas-snin li ġejjin.

Is-Sur Damien Spiteri ppreżenta mozzjoni. Il-proponent kien is-Sur Damien Spiteri u s-sekondat kien is-Sur Paul Curmi. Din hija l-mozzjoni:

B'referenza għall-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar PA/02406/18 - *Upgrade of existing Bovine Farm D327 covered by PA/4584/06 according to policy 2.3A of the rural policy and design guidance with the capacity to process affluent from other farms;*

Wara li ħafna mir-residenti ta' dan il-lokal urew il-preokkupazzjoni tagħhom għall-proġett propost;
Wara li ġie kkunsidrat li dan il-proġett jista' jpoġġi kemm lil-lokal tagħna kif ukoll lir-residenti tiegħu suġġetti fost l-oħrajn għal traffiku addizzjonali ta' vetturi kbar u/jew vetturi kummerċjali oħrajn li jkunu qed iġorru materjal xejn pjaċevoli;
Wara li ġie kkunsidrat ukoll li jekk dan il-proġett jiġi realizzat, iċ-ċentru tar-raħal tagħna jkollu jservi bħala passaġġ għal dawn il-vetturi li jkunu qed iġorru dan il-materjal;

Dan il-Kunsill:
Jemmen bis-sħiħ li dan il-proġett ser iservi biss sabiex jirrovina l-lokal tagħna u joffri inkonvenjent enormi għar-residenti tiegħu;
Huwa impenjat li jaħdem b'saħħtu kollha sabiex jiddefendi lir-residenti tiegħu minn dan l-inkonvenjent enormi;
Isostni li Il-Munxar m'għandux jintuża bħala l-bażi tal-iskart kollu tal-bhejjem ġewwa Għawdex;

U għalhekk jiddeċiedi li:
Fi żmien tmint ijiem mil-lum jinnomina u japprova numru ta' esperti fosthom perit apposta, avukat u esperti oħrajn f'dan il-qasam sabiex jagħmlu evalwazzjoni tal-applikazzjoni msemmija u jiddefinixxi eżatt il-konsegwenzi possibbli li ser ibatu r-residenti jekk dan il-proġett jiġi realizzat;
Jassigura li ħadd mill-esperti mqabbdin ma jkollhom xi interess konfinġenti speċjalment mal-applikant u/jew ma' entitajiet oħra kkonċernati;
Fi żmien tliet ġimgħat mil-lum jipprepara l-oġġezzjoni tiegħu u japprovahom mill-Kunsill sabiex l-istess Kunsill ikun jista' jressaqhom quddiem l-awtoritajiet ikkonċernati b'mod partikolari l-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien stabbilit;

Jitlob lill-awtoritajiet ikkonċernati u lill-Gvern inġenerali, b'mod partikulari lill-Ministeru għal Għawdex, lis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja u s-Sajd u Drittijiet tal-Annimali, lill-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet sabiex tali materja tingħata l-importanza neċessarja u tittieħed kwalunkwe azzjoni minnhom sabiex jassiguraw li ma ssirx ħsara ta' dan it-tip lil-lokal tagħna u jaħdmu fl-aħjar interess tal-lokalità tagħna u l-familji li jirrisjedu fih;
Jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jissalvagwardja l-interess tal-lokal u tar-residenti tiegħu;
Jieħu dawk il-passi ulterjuri li jkun jidhirlu xieraq tul il-kors kollu sabiex jassigura ruħu li jissalvagwardja sal-aħħar, l-aħjar interess tal-familji tagħna u tal-Munxar.

Din il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li kien kellem lill-Avukat Deborah Mercieca u kellem lil Dr Larry Formosa li huwa wkoll avukat. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħżel lil Dr Larry Formosa bħala l-avukat u lill-Perit Robert Grech bħala l-perit.

Intalab vot fir-rigward ta' din l-applikazzjoni u r-riżultat kien dan:
Is-Sur Damien Spiteri joġġezzjona
Is-Sur Paul Curmi joġġezzjona
Is-Sur Robert Mallia joġġezzjona
Is-Sinjorina Sonja Abela toġġezzjona

Is-Sur Damien Spiteri ssuġġerixxa li 'l quddiem issir laqgħa ta' informazzjoni lill-pubbliku. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir *media release* dwar dan il-proġett. Kien hemm qbil dwar dan.

**48.3 Tmiem tal-Laqgħa**

48.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' April 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' April, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |